# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU 2168 (INTERPRETAZZJONI)

Każ Nru 2953/FM

Fil-kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Mario Sammut

u

Joseph Camilleri

dwar: tkeċċija mill-impieg

allegata li hi nġusta

Data:27 ta' Novembru 2012

**Chairman: Franco Masini**

Wara r-Rikors tar-Rikorrent tat 22 ta' Ottubru 2012 it-Tribunal Industrijali a tenur ta' l-Artikolu 83(1) tal-Kap 452 iffissa seduta sabiex jagħti interpretazzjoni dwar id-Deċiżjoni Nru 2168 u speċifikament biex tiġi likwidata s-somma li fl-istess deċiżjoni l-Intimat Joseph Camilleri kien ikkundannat li jħallas lir-Rikorrent Mario Sammut.

It-Tribunal wara li obbliga lir-Rikorrent jaħlef ir-Rikors tiegħu sama' it-trattazzjoni tal-partijiet fejn l-ammont speċifikat mir-Rikorrent ma ġie bl-ebda mod kontestat, iżda l-Intimat irritjena li din is-seduta ma kienitx wahda ta' interpretazzjoni iżda żieda mad-deċiżjoni ġa mogħtija u peress li l-każ kien *res judicata* ma kienx hemm lok għal provi u smiegħ ulterjuri. It-Tribunal innota li matul is-smiegħ tal-każ l-informazzjoni dwar xi pagamenti lir-Rikorrent mill-Intimat li Dr Edward Gatt kien obbliga ruħu li jippreżenta (seduta tal-11 ta' Lulju 2012 fol. 10-11) qatt ma waslu quddiem it-Tribunal.

It-Tribunal Industrijali waqt li jikkonferma d-Deċiżjoni Nru 2168 ta' l-1 ta' Awwissu 2012 jinterpretaha billi jillikwida s-somma hemm imsemmija fl-ammont ta' €5395.09.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

Ghas-Segretarju